MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Numru. 1352/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIA MICALLEF**
**KONTRA**

**NICKY PACE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Nicky Pace ta’ 29 sena, bin Carmelo u Maria Dolores nee’ Spiteri, mwieled Pieta’ nhar it- 12 ta’ Awwissu 1980, residenti fil- fond 83, flat 1 Triq San Alfons, Sliema u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 430280(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) fis- 26 ta’ Awwissu 2006, ghal habta ta’ 12.15am, gewwa Triq Sant’ Elena, Sliema, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamlu hsara fuq il- vettura bin- numru tar- registrazzjoni LUV 004 tal- ghamla Fiat Seicento ghad- dannu ta’ Miriam Saliba minn tas- Sliema, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm 50( hamsin lira Maltin);

2) ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlu hsara fuq il-vettura bin- numru tar- registrazzjoni GVP 536 tal- ghamla Ford Focus ghad- dannu tal- gvern ta’ Malta, liema hsarat huma ta’ inqas minn Lm 50 (hamsin lira Maltin);

3) talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, gewwa fi Triq Sant Elena, Sliema, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Mohamed Touarrha bi strument jaqat’ u bil- ponta, kif ukoll b’ oggett iebes cioe’ injama kif ccertifikat Dr. K. Borg mill- Isptar San Luqa;

4) ukoll talli sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ sentenza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati, u cioe’ Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D, diversement preseduta u datata 20 ta’ Mejju 2004

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat kien involut fi glieda ma’ persuna ohra, certu Mohammed Touarha, f’ Awwissu 2006 fi Triq Sant’ Elena, Sliema, u f’ din il-glieda hu u Touarha sofrew griehi u giet ikkawzata hsara fuq vetturi li kienu fil-vicinanzi tal-incident. Touarha, li kien ko-imputat ma’ Pace, baqa’ ma nstabx mill-Pulizija, u ghalhekk tmexxiet il-kawza fil-konfront ta’ Pace biss. Il-kaz fil-konfront ta’ Touarha ghadu ma bediex.

Din il-qorti hi tal-fehma li mill-provi prodotti, ma rrisultawx ippruvati l-imputazzjonijiet kollha kontra l-imputat, izda giet ippruvata biss it-tielet imputazzjoni, dik ta’ ferita hafifa fuq Touarha. Ma rrisultax li l-imputat volontarjament ghamel hsara fuq il-vetturi indikati. Ghalkemm iz-zewg vetturi kellhom hsarat fuqhom, ma rrisultax li kien l-imputat li effettivament ikkaguna dik il-hsara. L-anqas ma rrisulta li dik il-hsara saret b’ mod involontarju mill-imputat, izda l-uniku persuna li aktarx ghamlet il-hsara kienet Touarha stess. Kwantu ghall-addebitu tar-recidiva, l-anqas din ma giet ippruvata, stante li ma giet esebita l-ebda sentenza fil-konfront ta’ Pace.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 325, 221, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imsemmi mputat hati tal- ewwel (1), it- tieni (2), u r- raba (4) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Issibu hati tat- tielet (3) akkuza u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------